**Santa Luċija**

**Minuti**

**It-Tmien Leġislatura**

**Laqgħa Numru 56/2023**

**25 ta' Mejju 2023**

**Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa` fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fis-06:30 p.m.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Charmaine St John | Sindku |
| Frederick Cutajar | Viċi Sindku |
| Kylie D'Amato | Kunsilliera |
| Liam Sciberras | Kunsillier |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Fabian Mizzi | Segretarju Eżekuttiv |

**Assenti b'Apoloġiji (Skond Ordni Permanenti 14A (3))** :

| | |
|---|---|
| Terrence Ellul | Kunsillier |

Is-Sindku ippresjediet il-laqgħa.

**56.01 Talba**

56.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

**56.02 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

56.02.01 Is-S.E. informa li l-Kunsillieri Ellul kien informa li ma setax jattendi minħabba li kien indispost. Fiċ-ċirkostanzi l-Kunsill qies il-Kunsillier Ellul bħala skużat.

**56.03 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 55-23**

56.03.01 Il-Minuti tal-Laqgħa 55-23 kienu ġew iċċirkolati qabel is-seduta u għaldaqstant ġew meqjusa bħala moqrija. Il-Minuti ġew approvati unanimament bis-Sindku tipproponi u l-Kunsillier Sciberras jissekonda.

***Fuq proposta tas-Sindku, kien hemm qbil unanimu li minħabba r-riskju li nispiċċaw mingħajr quorum, Item 10 tiġi diskussa qabel item 4.***

**56.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti 56/23**

56.10.01 L-iskeda ta' Pagamenti 55/23 ġiet approvata unanimament. Ġie approvat ukoll il-ħlas ta' € 118.40 lill-Kunsilliera D'Amato għall-ispejjeż relatati mal-vjaġġ fis-Slovenja.

**56.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

56.04.01 Rigward l-iskema SPI/SCI/04/2023 – Komunitajiet aktar siguri u organizzati, is-Sindku pproponiet illi l-Kunsill jinvesti f'sistema ta' CCTV ġewwa Ġnien is-Serenita'. L-ammont massimu taħt din l-

iskema huwa ta' € 15,000 li jirrappreżentaw 85% tas-somma totali bil-Kunsill irid jiffinanzja 15% l-oħra. Dwar dan kollu kien hemm qbil.

56.04.02 Rigward l-iskema SPI/SCI/03/2023 – *Clean Up the World Campaign 2023*, is-Sindku ipproponiet illi din is-sena l-Kunsill jieħu ħsieb inaddaf il-*Promenade* filwaqt li jinxtraw xi reċipjenti tal-iskart eċċ. Wara diskussjoni qasira dan ġie approvat.

56.04.03 Is-Sindku nfurmat li l-lokalita' ma kienitx magħżula mal-ewwel 16-il lokalita' li ser jibbenefikaw mill-fondi ta' *Project Green*. Hija qalet ukoll li suppost il-Pjazza tal-Ġilju ser isir fiha xogħol ta' *refurbishment* minn *Infrastructure Malta* (IM).

56.04.04 Rigward l-aħħar laqgħa tar-Reġjun, is-Sindku nfurmat li kienet bagħtet il-punti li ġew diskussi fosthom li kopji tal-Minuti ser jibdew jintbagħatu wkoll lill-Kunsillieri. Il-Kunsillier Sciberras talab li jkollu kopji anke tal-Minuti ta' din il-leġislatura u s-S.E. informa li dawn kienu qed jinġabru mill-*istaff* tal-Kunsill.

56.04.05 Is-Sindku talbet is-suġġerimenti tal-Kunsillieri dwar Jum Santa Luċija 2023. Wara diskussjoni ġie deċiż li wara l-quddiesa u ċ-ċerimonja tal-għoti ta' Ġieh Santa Luċija, issir attività fil-*Picinic Area* ta' Ġnien is-Serenita' li tinkludi BBQ/Majjalata kif ukoll xi attivitajiet għat-tfal li jinkludi *Bouncy Castle*. Il-Kunsillier D'Amato u Sciberras offrew li jgħinu fl-organizzazzjoni ta' dawn l-attivitajiet.

56.04.06 Is-Sindku spjegat li kif kienet infurmat fl-aħħar laqgħa, iċ-Ċentru Kulturali Ċiniż f'Malta kien ser jagħmel donazzjoni ta' żewġ *Terracotta Warriors* sabiex jitpoġġew b'mod permanenti f'waħda mill-kmamar ta' Ġnien is-Serenita'. Hija qalet li ġewwa l-kamra ser ikun hemm ukoll esebizzjoni dwar il-kultura Ċiniża kif ukoll *monitor* li jispjega fost l-oħrajn dwar it-*Terracotta Warriors* filwaqt li fil-post ser ikun hemm persuni Ċiniżi li ser jieħdu ħsieb il-post għal xi ħin kuljum. Dawn it-*Terracotta Warriors* ser jiġu ippreżentati lill-Kunsill fl-1 ta' Lulju meta ser ikun hawn Malta uffiċċjali mill-provinċja minn fejn ġejjin it-*Terracotat Warriors* kif ukoll ser isir kunċert mużikali għall-okkażjoni bil-parteċipazzjoni ta' mużiċisti Ċiniżi.

56.04.07 Fuq suġġeriment tas-Sindku, ġie approvat li jinxtraw aktar bankijiet għal-Triq il-Prinjoli.

56.04.08 Is-Sindku issuġġeriet li jsiru tabelli mal-*Promenade* sabiex jinfurmaw lin-nies sabiex ma jħallux lil-klieb tagħhom jagħmlu l-bżonnijiet tagħhom fil-ħamrija. Dwar dan kien hemm qbil.

56.04.09 Is-Sindku nfurmat li konna rċivejna talba sabiex titranġa l-bankina quddiem Blk 12 sabiex persuna jkollha aċċess bis-siġġu tar-roti. Din it-talba ġiet approvata.

56.04.10 Is-Sindku nfurmat li Infrastructure Malta (IM) infurmawna li fil-ġranet li ġejjin kienu ser jieħdu deċiżjoni meta ser jinbeda x-xogħol fuq it-toroq li kienu mwiegħda mal-proġett li kienu : Triq it-Tulipan, Triq il-Ġjaċinti, Triq iż-Żahar, Triq Stella Maris u Triq iċ-Ċinerarja.

56.04.11 Is-Sindku nfurmat li l-*Active Ageing* kienu talbu lill-Kunsill sabiex jixtri 40 tazza u xi *cutlery* peress li dawk li kien hemm qabel jidher li ma għadhomx hemm. Kien hemm talba wkoll sabiex jinxtara rigal żgħir fl-okkażjoni ta' Jum il-Missier. Dan kollu ġie approvat.

56.04.12 Is-Sindku nfurmat li kienet ser titlob *quote* mingħand min kien għamel id-*Dog Park* sabiex isir *refurbishment* tieghu. Dwar dan kien hemm qbil.

***Fuq proposta tas-Sindku w is-sekondata mill-Kunsillier Sciberras, kien hemm qbil unanimu li minħabba r-riskju li nispiċċaw mingħajr quorum, Item 08 tiġi diskussa qabel item 5.***

**56.08 PA/06394/21 – Żvilupp propost minn Santa Luċija FC**

56.08.01 Is-Sindku spjegat li wara l-Laqgħa Pubblika fejn il-Kunsill sema l-opinjoni tal-pubbliku, ikun għaqli li jsir *survey* mar-residenti. Wara diskussjoni qasira fuq is-suġġett kien hemm qbil li jinġiebu l-kwotazzjonijiet imbagħad issir laqgħa mal-kumpanija magħżula dwar il-mistoqsijiet tas-*survey*. Il-Kunsillier Sciberras ġibed l-attenzjoni għall-fatt li wieħed mill-Kunsillieri huwa membru fil-Kumitat

ta’ Santa Lucija FC u għalhekk għandu konflitt ta’ interess u fiċ-ċirkostanzi ma jistax jipparteċipa jew jivvota fid-diskussjoni dwar is-suġġett. Huwa ppreżenta wkoll dokument li jelenka l-membri tal-Kumitat ta’ Santa Lucija FC li jikkonferma dan kollu.

**56.05 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

56.05.01 Il-Kunsillier Sciberras issuġġerixxa li fil-laqgħa li jmiss issir diskussjoni dwar il-ħruq tan-nar mil-lokalita’ ta’ Santa Lucija u dan fl-isfond tal-artiklu 33.03 tal-Liġi. Dwar dan kien hemm qbil.

56.05.02 Il-Kunsillier Sciberras ikkummenta dwar il-pjanta tar-rampa quddiem Binja Indipendenza u s-S.E. informa li kopja tagħha kienet intbagħtet lill-Kunsillieri wara l-laqgħa preċedenti imma din ma tistax tiġi annessa mal-minuti oriġinali peress li sa dak iż-żmien, din il-pjanta ma kienitx fil-pussess tagħna.

56.05.03 Il-Kunsillier Sciberras irrifera għall-proċedura ta’ kif issir Laqgħa Pubblika. Is-S.E. spjega illi hemm differenza dwar Laqgħa Pubblika u Laqgħa ta’ Konsultazzjoni. Kien hemm qbil li fil-futur, kull laqgħa li jkunu preżenti għaliha r-residenti għandu jkollha l-minuti uffiċċjali.

56.05.04 Il-Kunsillier Sciberras staqsa dwar il-*Bus Shelters* li għadhom fuq in-naħa l-ħażina tat-toroq. Is-Sindku nfurmat li issa li ntlaħaq ftehim bejn l-AKL, *Faces* u kumpanija oħra, huwa ttamat li dawn il-*Bus Shelters* jingħata prijorità.

56.05.05 Il-Kunsillier Sciberras irrefera għal diċerija li l-kuntrattur li kien qed jaħdem fuq il-*Bus Shelters* ħa l-flus u ħalla x-xogħol nofs leħja. Is-S.E. informa li x-xogħol li sar kien mill-ħaddiema tal-kuntrattur imqabbad minn *Infrastructure Malta* u r-raġuni li waqfu mix-xogħol hija li l-*Bus Shelters* kienu għadhom ma darux.

56.05.06 Il-Kunsillier Sciberras ilmenta li l-APP tal-Malta *Public Transport* mhux sinkronizzata mal-*Bus Stop* il-ġdid li hemm fi Triq Ġuljetta Lopez. Is-S.E. informa li l-problema mhux qiegħda biss ma’ dan il-*Bus Stop* jew ġewwa Santa Luċija biss imma mal-pajjiż kollu.

56.05.07 Il-Kunsillier Sciberras staqsa għaliex ir-Rotta 226 ma tgħaddix minn Raħal Ġdid sabiex ikun hemm żewġ rotot li jgħaddu minn Raħal Ġdid. Kien hemm qbil li ssir talba f’dan is-sens lil-Malta Public Transport.

56.05.08 Il-Kunsillier Sciberras ippreżenta rapport dwar l-istat tal-indafa fil-*promenade* kif ukoll dwar in-nuqqas ta’ żbir u attenzjoni meħtieġa lis-siġar li hemm fl-akkwati. Ġie deċiż li nerġgħu inkellmu lill-*Infrastructure Malta* għaliex il-kuntrattur huwa mqabbad minnhom.

56.05.09 Il-Kunsillier Sciberras talab li jsiru *bollards* fi Triq De Hosa sabiex ma jkunux jistgħu jgħaddu muturi. Ġie spjegat li bil-liġi jrid jitħalla spazju sabiex jgħaddi *wheelchair* u minn fejn jgħaddi *wheelchair*, jgħaddi anke mutur. Kien hemm qbil li għandna nesploraw il-possibilità li ssir CCTV fl-akkwati.

**56.06 Korrispondenza, ilmenti u ordnijiet ta’ xogħlijiet**

56.06.01 Minħabba nuqqas ta’ *quorum*, dan l-*item* ma ġiex diskuss.

**56.07 Skemi 2023/ 2024**

56.07.01 Minħabba nuqqas ta’ *quorum*, dan l-*item* ma ġiex diskuss.

**56.09 Rapport Finanzjarju – l-Ewwel Kwart Jannar / Marzu 2023**

56.07.01 Minħabba nuqqas ta’ *quorum*, dan l-*item* ma ġiex diskuss.

**Il-Viċi Sindku ħalla l-laqgħa fis-7:40 minħabba mpenji personali**

**56.11** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

56.11.01 Il-laqgħa ntemmet fis-7:45 p.m. u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir il-Ħamis 15 ta' Ġunju 2023 fis-6:30 p.m.

**Konfermati illum il-Ħamis 15 ta' Ġunju 2023.**

**Charmaine St John**
**Sindku**

**Fabian Mizzi**
**Segretarju Eżekuttiv**